**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Il-Ġimgħa 4 ta' Novembru 2022**

**Laqgħa b'urġenza Numru 50**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-binja tal-Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fil-17:00h.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi Sindku |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |
| Dr. Mary Muscat | - | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

50.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard fetaħ il-laqgħa, fejn qal li s-suġġet diskuss skond l-Agenda huwa: Il-Monti ta' fost il-ġimgħa. Il-Kunsilliera kollha kienu preżenti.

50.2 Is-Sindku nnota li wara pressjoni mill-Kunsillier Daniel Zerafa, hu iċċekkja l-liġi u qiegħed jinterpreta li fl-opinjoni tiegħu jaqgħax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk.

50.3 Il-Kunsillier Daniel Zerafa iddikjara li għandu konflitt t'interess għalhekk ser jipparteċipa fid-diskussjoni imma bla dritt għall-vot.

50.4 F'email mibgħuta fit-28 ta' Settembru 2022, fejn qal li qiegħed ikun hemm sitwazzjonijiet li jkolla tintervjeni l-Pulizija. Dan ġie referut jikkuntattja lid-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali is-Sur Natalino Attard permezz ta' risposta u refferewħ għal-Ligi441 5-2-a/b. Id-Direttur Ġenerali b'email lil-bejjiegħa tal-monti m'ghandhomx bżonn permessi mill-Kunsill Lokali. Daniel Zerafa innota li hemm 35 permess, u ħadd ma jarma fil-post tiegħu ghalhekk mhux kulħadd qed ikollu l-ispazju bizzejjed. Daniel Zerafa qiegħed jipproponi li bħal ma sar fil-monti tal-Hadd fejn dan ġie organizzat, l-istess għandu jsir bil-monti ta' fost il-ġimgħa.

50.5 Is-Sindku qal minn fejn sa fejn jista jarma l-monti u qal li l-argumenti qegħdin jinqalaghu lejn il-pjazza jigifieri f'żona partikolari.

50.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-parti tal-ligi fejn isemmew il-qisien varji tal-posti tal-monti. Is-Sindku ippropona li jiġi deċiz qies wieħed u jittiehed vot mill-Kunsilliera. Daniel Zerafa ippropona li l-area' tinqasam f'35 kaxxa. Is- Sindku qiegħed jghid li la l-monti ser ikun f'idejn il-Kunsill, għandu jimxi kollox *by the book.*

50.7 Is-Segretarju Eżekuttiv hemmx aktar mistoqsijiet. Dr. Mary Muscat qalet li l-qies ta' Ordinance Street il-Belt Valletta mhux l-istess qies daqs ix-Xatt ta' Marsaxlokk. Daniel Zerafa qal li minn google maps, Ordinance Street il-Belt Valletta fiha 55m u Xatt is-Sajjieda Marsaxlokk fih 110m. Ġie pproponut li jitqabad il-Perit tal-Kunsill.

50.8 **Vot: Taqbel li jigi inkarigat il-Perit biex jaghti lil-Kunsill tifsila tax-Xatt is-Sajjieda bil-qisien immarkati?**

| | **Iva** | **Le** |
|---|---|---|
| Steven Grech | X | |
| Elenia Desira | X | |
| Daniel Zerafa | Kunflitt t'nteress | |
| Stephen Caruana | X | |
| Dr.Mary Muscat | X | |

**Sar qbil 4 voti favur u vot ieħor kellhu kunflitt t'nteress.**

50.9 Il-Perit ser jigi referit lejn il-ligi 441.04 5-2 a/b fejn hemm żewġ qisien kwotati li huma 2.5m x 6m u 1.52m x 2.13m. Għalhekk ser jittieħed vot fuq dan il-pjan.

50.10 **Vot: Taqbel li jigu proposti ż-żewġ qisien kkwotati fil-ligi lil Perit (u jsiru wkoll il-passaggi bejn kull tilar) biex jaghmel 2 pjanijiet tax-Xatt is-Sajjieda b'dawn iż-żewġ qisien, imbagħad terġa tittieħed deċizjoni finali wara li jkunu lesti?**

| | **Iva** | **Le** |
|---|---|---|
| Steven Grech | X | |
| Elenia Desira | X | |
| Daniel Zerafa | Kunflitt t'nteress | |
| Stephen Caruana | X | |
| Dr.Mary Muscat | X | |

**Sar qbil 4 voti favur u vot ieħor kellhu kunflitt t'nteress.**

50.11 Daniel Zerafa qal li għandhom jiġu ikkonsultati l-Bejjiegħa tal-Monti. Is-Sindku qal li ma jaqbilx ghax il-Kunsill għandu jiddeciedi. Is-Sindku qal li minn ħdejn ir-Rizzu sa hdejn il-Bukkett qatt ma nqala nkwiet u l-Kunsillier Stephen Caruana qabel dan l-statement.

Il-laqgħa spiċċat fis-5:55h

Il-Kunsill aġġorna għal-laqgħa li jmiss fit-18 ta' Novembru 2022 fl-16:30h.

**Konfermati llum 18 ta' Novembru 2022**

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

____________________ ____________________

**Steven Grech**
Sindku

**Carmel Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

____________________ ____________________

*PROPONENT* *SEKONDANT*